MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2013

Citazzjoni Numru. 521/2012

**Paul Scicluna, Angelo Scicluna, Joseph Scicluna, Antonia Scicluna u żewġha Frans Scicluna għal kull interess li jista' jkollu.**

**-vs-**

**Carmelo Scicluna u Dorian Scicluna.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi ppreżentat fil-25 ta' Mejju 2012 li permezz tagħu ġie premess:

Illi l-partijiet għandhom r-raba' li jinsab fl-inħawi magħrufa bħala Il-Qattara, Limiti ta' Rabat, Malta;

Illi l-atturi esponenti jgawdu pussess u aċċess liberu kemm għall-kamra li tinsab fl-istess raba' biswit il-ġiebja magħrufa *"l-kamra tal-ġiebja"* fejn hemm il-pompa li permezz tagħha jittella' l-ilma mill-ġiebja kif ukoll għall-

*meter* tal-elettriku tat-*"three phase"* li jinsab ukoll fl-istess raba' imsemmi u jintuża minnhom ilkoll anke sabiex huma jtellgħu l-ilma mill-istess ġiebja permezz tal-pompa kif dejjem għamlu.

Illi l-ilma li jittella' mill-ġiebja jitwassal sal-għelieqi rispettivi tal-atturi anke permezz ta' sistem ta' pajpijiet apposta flimkien ma' *"bends";*

Illi fl-istess raba' l-atturi għandhom ukoll aċċess u pussess fuq żewġ spejjer li minnhom jieħdu u jtellgħu l-ilma permezz ta' pompi li jaħdmu bl-elettriku;

Illi riċentement l-intimati abbużivament biddlu s-serratura tal-kaxxa tad-dawl tal-*meter* fuq imsemmi u l-katnazz tal-kamra tal-ġiebja fuq imsemmija, u abbużivament qalgħu l-*bends* (il-minkeb) tal-pajpijiet li kellhom l-atturi u li permezz tagħhom kien jitwassal l-ilma mill-ġiebja sal-għelieqi rispettivi tal-atturi, u qatgħu l-provvista tal-elettriku tal-pompi tal-ispejjer fuq imsemmija u konsegwentement l-atturi ġew imċaħħdin mill-pussess u aċċess liberu li kellhom għall-istess *meter* u kamra tal-ġiebja kif ukoll ġew imċaħħdin milli jużaw u jieħdu l-ilma mill-ġiebja permezz tal-pompa u mill-ispejjer kif fuq imsemmi u milli jużaw l-istess *meter*.;

Illi dan kollu jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin;

Illi *nonostante* illi ġew interpellati anke permezz t'ittra interpellatorja datata 7 ta' April, 2012, il-konvenuti baqgħu inadempjenti.

Għaldaqstant l-atturi jitolb lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti kkommettew spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-atturi meta abbużivament biddlu s-serratura tal-kaxxa tad-dawl u l-katnazz tal-kamra tal-ġiebja (fejn hemm il-pompa li permezz tagħha jittella' l-ilma mill-ġiebja) u abbużivament qalgħu l-*bend* (il-minkeb) tal-pajpijiet li kellhom l-atturi li permezz tagħhom kien jitwassal l-ilma mill-ġiebja sal-għelieqi rispettivi tal-atturi li qatgħu l-provvista tal-elettriku tal-pompi tal-ispejjer fuq

imsemmija li jinsabu fil-Qattara limiti tar-Rabat, Malta kif fuq imsemmi u konsegwentement l-atturi ġew imċaħħdin mill-pussess u aċċess liberu li kellhom għall-istess *meter* u kamra tal-ġiebja kif ukoll ġew imċaħħdin milli jużaw u jtellgħu l-ilma mill-ġiebja permezz tal-pompa li hemm fil-kamra tal-ġiebja u mill-ispejjer imsemmija u milli jużaw l-istess meter kif dejjem għamlu.

2. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex fi żmien qasir u perentorju jerġgħu jirripristinaw kollox kif kien qabel okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi b'mod illi l-atturi ikomplu jkollhom pussess u aċċess liberu għall-istess meter tat-*'three phase'* u kamra tal-ġiebja, jkomplu jtellgħu l-ilma mill-ġiebja permezz tal-pompa li hemm fil-kamra tal-ġiebja li jitwassal ġermezz ta' *bends*, billi anke jitpoġġew dawn il-*bends* fejn ġew maqlugħa, u pajpijiet għall-għelieqi tagħhom, itellgħu l-ilma mill-ispejjer fuq imsemmija permezz ta' pompi li jaħdmu bl-elettriku u jużaw l-istess *meter* u dana fil-Qattara, limiti tar-Rabat, Malta.

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi sabiex jagħmlu dawn ix-xogħlijiet rimedjali okkorrendo bl-opera ta' perit nominandi a spejjez tal-konvenuti.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti nġunti in subizzjoni.

B'riserva ta' kwalunkwe azzjoni spettanti lill-atturi skond il-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konvenuti ma ppreżentawx ir-risposta ġuramentata u allura huma kontumaċi skond l-liġi.

Rat l-affidavits tal-atturi u ta' Maria Concetta Micallef u Vincenza Fenech.

Rat l-atti proċesswali u l-verbal tas-seduta tas-7 t'Ottubru 2013 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher ċar mir-rikors promotur din hija kawża ta' spoll kif spjegat fir-rikors stess. Kif hu magħruf huma tlieta l-elementi rikjesti biex azzjoni ta' spoll tirnexxi, u ċjoe':

1. il-pussess – ***possedisse;***
2. l-azzjoni spoljattiva li tkun saret bil-moħbi jew kontra l-volonta tal-attur – ***spoliatum fuisse;*** u
3. li l-azzjoni issir fi żmien xahrejn minn meta jkun seħħ l-ispoll – ***infra bimestre deduxisse***.

Illi l-konvenuti huma kontumaċi u l-affidavits tal-atturi ma ġewx allura kontradetti.

Illi fil-fehma tal-Qorti għalhekk il-kwistjoni prinċipali f'din il-kawża hija jekk l-atturi kellhomx il-pussess imsemmi u jekk fil-fatt il-konvenuti tellgħux il-ħajt imsemmi, u jekk il-kawża ġietx intavolata fiż-żmien preskritt mil-liġi. Il-Qorti naturalment ma tistax tidħol fi kwistjonijiet petitorji (liema kweżit indubbjament dejjem huwa konsiljabbli li jiġi riżolt bejn il-partijiet għal raġunijiet li huma evidenti) għaliex quddiemha għandha biss il-kwistjoni possessorja.

Illi fis-sentenza **"Delia vs Schembri"**, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl- 4 ta' Frar 1958, ġie ritenut illi:

*"L-azzjoni ta' spoll isservi biex tipproteġi l-pussess, ikun x'ikun ... li jiġi vjolentement jew okkultament meħud mingħand il-possessur jew detentur, u ġie deċiż kemm-il darba li tapplika wkoll għat-tutela tal-kważi pussess tad-drittijiet legali u hija inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata ... jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li għalkemm jista' jkollu dritt għalih ma jistgħax jeżerċitah mingħajr intervent tal-Qorti."*

Illi fi kliem ***Pacifici Mazzoni*** spoll vjolent huwa *"qualunque atto arbitrario che per forza privata si compia contro la volontarieta' dello spogliato"*. (ara Vol. III Sez. 52).

Illi kif ġie ritenut fil-kawża **"Margherita Fenech vs Pawla Zammit"** deċiża fit-2 ta' April 1958:

*“L-actio spolii hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta’ utilita’ soċjali milli fuq il-prinċipju assolut ta’ ġustizzja hija eminentement intiża l-protezzjoni ta’ kwalunkwe pussess u jiġi impedut liċ-ċittadin privat li jieħu l-liġi f’idejh; b’mod li l-fini tagħha huwa dak li jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat.”*

Illi fuq l-istess argument ġie ritenut fis-sentenza **“Cardona vs Tabone”** deċiża mill-Appell Ċivli fid-9 ta’ Marzu 1992:

*“Kif kellha okkażjoni tesprimi ruħha l-Onorabbli Qorti tal-Appell, l-indaġini li trid issir hija waħda limitatissima, rigoruza u skarna u ma tinsab f’ebda leġislazzjoni oħra u kompliet tgħid illi għalhekk indaġinijiet ibbażati fuq x’jgħidu u ma jgħidux ġuristi u awturi Franċiżi u Taljani huwa għal kollox irrilevanti u inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament ġuridiku tagħna.”*

Illi fil-każ in kwistjoni, kif ingħad mil-konvenuti, ma setgħux jikkontradiċu l-provi ampji mressqa mill-attur *tramite* l-affidavits imsemmija u allura dak li l-atturi qalu fir rikors huwa ppruvat.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ t-talbiet kollha attrici fil-konfront tal-konvenuti, u tipprefiġġi terminu ta’ xahar għall-fini tat-tieni talba; tinnomina lill-perit arkitett A.I.C. Valerio Schembri bħala espert tekniku sabiex f’kull każ jissorvelja x-xogħlijiet neċessarji.**

**Spejjeż ikunu a kariku tal-konvenuti.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------